# Il-Fonti tal-Magħmudija fir-Rotunda Jagħlaq Mitejn Sena (1806 - 2006)



**Kitba ta' Silvio CASSAR**

Il-Battisteru jew aħjar il-Fonti tal-Magħmudija li hemm fir-Rotunda tal-Mosta jagħlaq mitejn sena propju din is-sena. Dan kien inħadem fl-injam fl-1806 mill-iskultur u bin l-arti Vincenzo Dimech.

Il-Battisteru - kelma ġejja mit-Taljan *battesimo* li tfisser magħmudija - jinsab fuq ix-xellug tad-dħul mill-bieb maġġur tar-Rotunda. Ma' l-ewwel daqqa t'għajn, meta tħares lejn din l-opra kbira ta' Dimech, taħseb li hija tal-kartapesta jew tal-ġebel, però meta tmissha tara li l-artist ħoloq biċċa arti mill-injam sabiħa mmens. Tajjeb li nsemmu li dan il-fonti tal-magħmudija sar għall-knisja ta' qabel li kien hemm minflok ir-Rotunda, jiġifieri dik ta' Tumas Dingli.

Missirijietna jgħidu wkoll li wara l-figuri ta' San Ġwann il-Battista jgħammed lil Ġesù kien hemm dik li jsejħulha 'l-glorja' ... raġġiera kbira ta' l-injam bl-Ispirtu s-Santu flimkien ma' l-erba' puttini (anġli). Din ir-raġġiera m'għadiex teżisti u nimmaġina li forsi xi darba ġralha xi ħsara u qatt ma reġgħet sabet postha!



*Il-Fonti tal-Magħmudija maħdum mill-iskultur Vincenzo Dimech fl-1806.*

Il-vaska ta' taħt il-figuri hija aktar antika għax propja kienet tintuża terġa' qabel il-knisja ta' Tumas Dingli, jiġifieri qabel l-1619 meta tlestha x-xogħol fuq din il-knisja l-qadima. Din il-vaska tissemma' l-ewwel darba meta l-Isqof Cubellas kien irregala Fonti tal-Magħmudija lil din il-knisja fl-1557.

Tajjeb li ngħidu li Vincenzo Dimech ħaseb sa l-anqas dettal iż-żewġ figuri. Dan għax il-kobor ta' dan l-artist hija murija fil-mod ta' kif ippreżenta liż-żewġ figuri li juru dinamiżmu u xejriet barokki speċjalment fil-mod ta' kif ippreżenta l-anatomija.

Il-Battista qiegħed skolpit b'mod li jidher kemm kemm ogħla mill-figura umli ta' Kristu fil-mument eżatt ta' x'ħin Ġwanni kien qed iroxx l-ilma tal-magħmudija. Il-pożizzjoni ta' l-idejn taż-żewġ figuri, il-moviment u l-istudju ta' l-ilbies imtajjar u l-uċuħ iħarsu fissi lejn xulxin jagħmlu dan il-kapulavur barokk li jnissel sentimenti li huma essenzjali f'kull biċċa xogħol ta' l-arti sagra.

Għalhekk, m'hemmx dubju, li l-Mostin żammew din l-istatwa barokka sabiex mill-knisja l-qadima poġġewha fir-Rotunda (stil neo-klassiku) li tixraq ukoll fil-perspettiva ta' fejn qegħda mpoġġija ħalli xogħol bħal dan jibqa' jitgawda minn ġenerazzjoni għall-oħra. Missirijietna ħasbu wkoll sabiex l-istatwa li tirrappreżenta l-magħmudija ta' Ġesù togħla fuq pedistall tond ta' l-irħam mill-isbaħ.



*Vincenzo Dimech - l-iskultur ċelebri li ħadem il-Battisteru tar-Rotunda tal-Mosta. (litografija ta' G. Calleja mxandra f'"L'Arte" fis-7/3/1863 - ritratt ta' C. Attard)*

Kif għedna aktar qabel, din l-opra saret fis-seklu dsatax mill-Furjaniż Vincenzo Dimech. Dan Dimech twieled fit-3 ta' Marzu 1768 u miet fid-19 ta' Frar 1831 fl-età ta' 63 sena. Għalhekk din is-sena jaħbat ukoll il-175 sena mill-mewt ta' dan l-iskultur/artist ċelebri Malti.

Huwa baqa' magħruf sew għall-kapulavuri li wettaq fosthom meta minn zokk naqqax l-istatwa artistika ta' San Publiju fl-1811 u li tinsab fil-Knisja Arċipretali tal-Floriana, dik ta' Sant'Andrija (patrun tas-sajjieda) mnaqqxa fil-ġebla u li tinsab fil-pjazza ta' Marsaxlokk, dik ta' San Ġużepp meqjum fil-Bażilika Elenjana ta' Birkirkara kif ukoll l-istatwa ta' l-istess qaddis fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq, l-istatwa titulari ta' Santa Marija li tinsab fil-Knisja Matriċi tal-Gudja u li saret fl-1807. Vincenzo Dimech kien ukoll Professur ta' l-Arkitettura u Skultura fl-Iskola tad-Disinn fi ħdan l-Università ta' Malta.

B'hekk tajna ħarsa lejn il-Fonti tal-Magħmudija li issa għandu mitejn sena. J'Alla dawn l-opri ngawduhom f'ħajjitna għax artisti bħal Vincenzo Dimech u oħrajn ħallewlna patrimonju kbir f'din il-gżira bil-kapaċitajiet u t-talenti li kienu mżejna. M'hemmx dubju, it-turisti li ta' kuljum iżuru r-Rotunda waqt li jidħlu jew joħorġu jibqgħu b'togħma tajba b'kapulavur bħal dan - il-battisteru.

Hajr lill-istoriku Mosti - is-sur Joseph Borg.

PLUS SIZES
SIZES AVAILABLE 10 TO 32
FOR WOMEN
THE EXPERTS IN OVERSIZE CLOTHING
OVER 10 YEARS OF SERVICE
ROTUNDA SQUARE, MOSTA
TEL: 2143 2142
plus-sizes@global.nt.mt

VASSALLO CONSTRUCTION CO. LTD.

• Building Contractors Crane Hire
• Restoration Work
• Alteration Works
• Turnkey Projects

32, Eucharistic Congress Rd, Mosta MST 04 – Malta
Tel: 21 413 559, 21 438 559 • Fax: 21 424 059
Mob: 7949 4836 / 7943 4836
e-mail: vassalloconst.@waldonet.net.mt